



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0446/2013**

6.12.2013

**\*\*\*I**

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument ta' Sħubija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (COM(2011)0843 – C7-0495/2011 – 2011/0411(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Mario Mauro

Rapporteur għal opinjoni (\*):

Laima Liucija Andrikiene, Kumitat għall-Kummerç Internazzjonali

(\*) Kumitat assoċjat – Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

## WERREJ

### Pàġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
ANNEX TO THE LEGISLATIVE RESOLUTION .....	35
STATEMENT BY THE EUROPEAN PARLIAMENT ON THE SUSPENSION OF ASSISTANCE GRANTED UNDER THE FINANCIAL INSTRUMENTS .....	35
<i>STATEMENT BY THE COMMISSION ON THE STRATEGIC DIALOGUE WITH THE EUROPEAN PARLIAMENT</i> .....	36
NOTA SPJEGATTIVA.....	74
PROCĊEDURA.....	76

(\*) Kunitat assoċjat – Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Strument ta' Sħubija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (COM(2011)0843 – C7-0495/2011 – 2011/0411(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0843),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 207(1), 209(2) u 212(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0495/2011),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tad-9 ta' Diċembru 2012<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Baġits kif ukoll tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0446/2013),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Japprova d-dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;
  3. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;
  4. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
  5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

### Emenda 1 <sup>(1)</sup>

#### EMENDI MILL-PARLAMENT EWROPEW\*

<sup>1</sup> *ĠUC 391, 18.12.2012, p. 110*

\* Amendments: new or replacement text is marked in ***bold italics***, and deletions are indicated by the symbol **■**

għall-proposta tal-Kummissjoni

-----

[REGOLAMENT (UE) Nru .../2014 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta'

**li jistabbilixxi Strument ta' Sħubija għal kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 207(2), 209(1) u 212(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni **■**,

**Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni <sup>1</sup>**

---

<sup>1</sup> *dok 17855/12*

Wara li ntbagħat l-abbozz tal-att leġislattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura ordinarja leġislattiva,

Billi:

- (1) ***L-Unjoni għandha tfittex li tiżviluppa relazzjonijiet u tibni sħubiji ma' pajjiżi terzi. Dan ir-Regolament jikkostitwixxi strument ġdid u komplimentarju li jipprovdi appoġġ dirett għal-linji ta' politiki esterni tal-Unjoni Ewropea, li jespandi s-sħubiji ta' kooperazzjoni u d-djalogi ta' politika għal oqsma u suġġetti lil hinn mill-kooperazzjoni fl-iżvilupp. Dan isegwi l-esperjenza miksuba ma' pajjiżi industrijalizzati u pajjiżi u territorji bi dħul għoli skont ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1934/2006 <sup>1</sup>.***

---

<sup>1</sup> ***Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1934/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli (ĠU L 405, 30.12.2006, p.41).***

- (1b) L-ambitu tal-kooperazzjoni skont il-programmi ġeografiċi mal-pajjiżi, territorji u reġjuni li qed jiżviluppaw, stabbiliti skont l-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp huwa limitat ***kważi interament*** għal miżuri ta' finanzjament maħsubin biex jissodisfaw il-kriterji stabbiliti għall-ghajjnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) stabbiliti mill-Kumitat tal-Għajjnuna għall-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (DAC/OECD).
- (2) Matul l-aħħar deċennju, l-Unjoni saħħet konsistentement ir-relazzjonijiet bilaterali tagħha ma' firxa wiesgħa ta' pajjiżi industrijalizzati u pajjiżi u territorji oħra bi dħul għoli ***jew dħul medju*** f'reġjuni differenti tad-dinja kollha .
- (2a) L-UE teħtieġ strument finanzjarju ***fil-qasam tal-politika barranija*** li jkollu ambitu globali li jippermetti l-finanzjament ta' miżuri li jaf ma jikkwalifikawx bħala ODA iżda li huma importanti ħafna għat-tisħiħ u l-konsolidazzjoni tar-relazzjonijiet tagħha mal-pajjiżi sħab ikkonċernati, b'mod partikolari permezz ta' djalogi politiċi u l-iżvilupp ta' sħubijiet. ***Dan l-istrument il-ġdid, innovattiv f'termini ta' ambitu u objettivi, għandu johlq ambjent pożittiv għal relazzjoni aktar profonda bejn l-UE u pajjiżi terzi rilevanti u jippromovi interessi ċentrali tal-UE.***



- (2b) Sabiex jinkisbu l-objettivi ta' dan ir-Regolament huwa meħtieġ li jiġi segwit approċċ differenzjat u flessibbli **mal-pajjiżi sħab ewlenin li jieħdu kont tal-kuntesti ekonomiċi, soċjali u politiċi tagħhom kif ukoll l-interessi speċifiċi tal-Unjoni, il-prijoritajiet u l-istrateġiji tal-politika, filwaqt li tinżamm il-kapaċità għal intervent fid-dinja kollha kull fejn ikun meħtieġ. L-Unjoni għandha tuża approċċ komprensiv għall-politika barranija inklużi l-politiki settorjali tal-Unjoni.**
- (2c) L-Unjoni għandha tkun kapaċi ttrrispondi b'mod flessibbli u f'waqtu għal ħtiġijiet li jevolvu u/jew mhux previsti sabiex tiegħu l-impenn tagħha sabiex tippromwovi u **tiddefendi** l-interessi tagħha fir-relazzjonijiet tagħha mal-pajjiżi terzi b'mod aktar effettiv, billi tadotta miżuri speċjali mhux koperti mill-programmi indikattivi pluriennali.

- (2d) *Huwa fl-interess tal-Unjoni li tapprofondixxi r-relazzjonijiet tagħha u d-djalogu ma' pajjiżi fejn l-Unjoni għandha interess strateġiku fil-promozzjoni ta' rabtiet, speċjalment ma' pajjiżi żviluppati u dawk li qed jiżviluppaw li għandhom rwol dejjem aktar importanti fl-affarijiet dinjija, inkluż fil-governanza globali, il-politika barranija, l-ekonomija internazzjonali, il-fora u l-korpi multilaterali bħall-G8 u l-G20, u fl-indirizzar ta' sfidi ta' tħassib globali.*
- (2e) **■** L-Unjoni teħtieġ tibni sħubiji komprensivi ma' atturi ġodda fix-xena internazzjonali, *sabiex* tippromwovi ordni internazzjonali stabbli u inklużiv, issegwi l-beni pubbliċi globali komuni, u *tippromwovi* l-interessi ewlenin tal-UE kif ukoll għarfien akbar dwar l-UE f'dawn il-pajjiżi.
- (2f) *L-ambitu ta' dan ir-Regolament għandu jkun fid-dinja kollha sabiex il-miżuri ta' kooperazzjoni jkun jistgħu jiġu appoġġati bħala adatti biex isostnu r-relazzjonijiet ma' kwalunkwe pajjiż fejn l-Unjoni għandha interessi strateġiċi, f'konformità mal-oġettivi ta' dan ir-Regolament.*
- (2g) *Huwa fl-interess tal-Unjoni li tkompli tippromwovi d-djalogu u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi li m'għadhomx jikkwalifikaw għal programmi bilaterali skont l-Istrument għall-Kooperazzjoni fl-Iżvilupp*
- (2h) *Huwa fl-interess tal-Unjoni li taħdem għal istituzzjonijiet globali inklużivi, ibbażati fuq multilateraliżmu effettiv.*

(2i) *Skont dan ir-Regolament, l-Unjoni għandha tappoġġa l-implimentazzjoni tad-dimensjoni esterna tal-"Ewropa 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv", li tgħaqqad it-tliet pilastri: ekonomiku, soċjali u ambjentali. B'mod partikolari, dan ir-Regolament għandu jappoġġa l-objettivi relatati ma' kwistjonijiet globali bħat-tibdil fil-klima, is-sigurtà tal-enerġija u l-effiċjenza fir-riżorsi, it-transizzjoni għal ekonomija aktar ekoloġika, ix-xjenza, l-innovazzjoni u l-kompetittività, il-mobbiltà, il-kummerċ u l-investment, is-sħubiji ekonomiċi, in-negozju, l-impjegi u l-kooperazzjoni regolatorja ma' pajjiżi terzi, u aċċess aħjar għall-kumpanniji Ewropej inkluża l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs. Huwa għandu wkoll jippromwovi d-diplomazija pubblika, il-kooperazzjoni edukattiva/akkademika u l-attivitajiet ta' komunikazzjoni.*

█

(12) B'mod partikolari, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima hi rikonoxxuta bħala waħda mill-isfidi *globali* l-kbar *li qed jiffaċċaw* l-Unjoni █ u *l-komunità internazzjonali usa'*. *It-tibdil fil-klima huwa* qasam fejn tenħtieġ azzjoni internazzjonali urġenti, *u fejn il-kisba tal-għanijiet tal-Unjoni teħtieġ il-kooperazzjoni minn pajjiżi terzi sħab. Għalhekk l-UE għandha tinvesti sforzi mġedda fil-promozzjoni ta' kunsens globali f'dan ir-rigward.* F'konformità mal-*intenzjoni* iddikjarata fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni *tad-29 ta' Ġunju 2011 "Baġit għall-Ewropa 2020"* ta' żieda fis-sehem mill-baġit tal-Unjoni relatat mal-klima għal tal-anqas 20%, dan ir-Regolament għandu jikkontribwixxi għal dak il-għan.

- (12a) ***Sfidi transnazzjonali, bħad-degradazzjoni ambjentali u l-aċċess għal materja prima u elementi terrestri rari u l-użu sostenibbli tagħhom, jeħtieġu approċċ inklużiv u bbażat fuq regoli.***
- (13) L-Unjoni ħadet l-impenn li tgħin sabiex jintlaħqu l-miri globali tal-2020 dwar il-bijodiversità u sabiex tagħti riżultati rigward l-Istrateġija assoċjata għall-mobilizzazzjoni tar-riżorsi.
- (13a) L-Unjoni ħadet l-impenn li tippromwovi x-xogħol deċenti għal kulħadd flimkien mar-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-istandards tax-xogħol rikonoxxuti fil-livell internazzjonali u l-ftehimiet ambjentali multilaterali.
- (13b) ***Interess strateġiku importanti tal-UE hu li tingħata spinta lit-tkabbir u l-impjegi bil-promozzjoni tal-kummerċ ġust u miftuħ u l-investiment fil-livell multilaterali u bilaterali u bl-appoġġ tan-negożjar u l-implimentazzjoni tal-ftehimiet tal-UE dwar il-kummerċ u l-investiment. Skont dan ir-Regolament, l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' klima sigura għaż-żieda tal-opportunitajiet ta' kummerċ u investiment għall-kumpanniji Ewropej fid-dinja kollha, mhux l-inqas l-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju, inkluż billi tappoġġa l-kooperazzjoni u l-konverġenza regolatorji, tippromwovi l-istandards internazzjonali, ittejjeb il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, u timmira t-tneħħija ta' ostakoli mhux ġustifikati għall-aċċess għas-suq.***

- (13c) *L-azzjoni tal-Unjoni fix-xena internazzjonali għandha tiġi ggwidata mill-prinċipji li spiraw il-ħolqien, l-iżvilupp u t-tkabbir tagħha stess, kif iddikjarati fl-Artikolu 21 tat-Trattat, u li hija tfittex li tippromwovi fil-bqija tad-dinja, jiġifieri d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-prinċipju tal-ugwaljanza, is-solidarjetà u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u tad-dritt internazzjonali.*
- (13d) *L-Unjoni għandha tfittex li tagħmel l-aktar użu effiċjenti mir-riżorsi disponibbli sabiex tottimizza l-impatt tal-azzjoni esterna tagħha. Dan għandu jinkiseb permezz ta' koerenza u komplementarjetà bejn l-Istrumenti għall-azzjoni esterna, kif ukoll il-ħolqien ta' sinerġiji bejn l-Istrument attwali, Strumenti oħra għal azzjoni esterna u politiki oħra tal-Unjoni. Dan għandu jinvolvi wkoll it-tisħiħ reċiproku tal-programmi ppjanati taħt dawn l-Istrumenti.*
- (13e) *Bil-għan li tiġi żgurata l-viżibbiltà tal-assistenza tal-Unjoni favur iċ-ċittadini tal-pajjiżi benefiċjarji u dawk tal-Unjoni, għandu jkun hemm, fejn adatt, komunikazzjoni u informazzjoni mmirati b'mezzi adegwati.*

- (13f) *L-objettivi ta' dan ir-Regolament għandhom, fejn possibbli u adatt, jiġu segwiti f'konsultazzjoni ma' sħab u partijiet interessati rilevanti, inklużi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u awtoritajiet lokali, b'kont meħud tal-importanza tar-rwoli tagħhom.*
- (13g) *L-azzjoni esterna tal-Unjoni taħt l-istrument għandha tikkontribwixxi għal riżultati ċari (li jkopru l-outputs, l-eżiti u l-impatti) f'pajjiżi li jibbenefikaw mill-għajnuna finanzjarja esterna tal-Unjoni. Kull meta jkun adatt u possibbli, ir-riżultati tal-azzjoni esterna tal-Unjoni u l-effiċjenza ta' dan l-istrument partikolari għandhom jiġu mmonitorjati u vvalutati abbażi ta' indikaturi predefiniti, ċari, trasparenti u, fejn adatt, indikaturi speċifiċi għall-pajjiż u li jistgħu jitkejlu, adattati għall-ispeċifiċitajiet u l-objettivi ta' dan l-Istrument.*
- (13h) *L-azzjonijiet taħt dan ir-Regolament għandhom, fejn adatt, jieħdu kont debitu tar-Riżoluzzjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet tal-Parlament Ewropew.*

█

- (19) Sabiex il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jiġi adattat għar-realtà li qed tevolvi malajr fil-pajjiżi terzi, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-*prijoritajiet* definiti fl-Anness. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni għandha tagħmel konsultazzjonijiet adatti matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Meta tkun qed tipprepara u tfassal atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura li tibgħat id-dokumenti rilevanti simultanament, f'waqthom u kif adatt, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

- (20) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jingħataw lill-Kummissjoni. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament Nru 182/2011 tas-16 ta' Frar 2011 *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*<sup>1</sup>. B'kont meħud tan-natura ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari in-natura ta' orjentament tal-linja politika tagħhom jew tal-implikazzjonijiet finanzjarji tagħhom, il-proċedura ta' eżami għandha tintuża għall-adozzjoni tagħhom, ħliet għal miżuri ta' implimentazzjoni tekniċi fuq skala finanzjarja żgħira.
- (20a) Peress li l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u, għaldaqstant, minħabba l-iskala tal-azzjoni, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet.
- (21) Ir-regoli u l-proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-azzjoni esterna huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru .../...tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'ir-Regolament Komuni ta' Implimentazzjoni'

---

<sup>1</sup> *Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).*

<sup>2</sup> *Regolament (UE) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-azzjoni esterna (ĠU...).*



- (22) L-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna huma deskritti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427 UE
- (22a) *Huwa adatt li t-tul ta' dan ir-Regolament jiġi allinjat ma' dak tar-Regolament tal-Kunsill(UE) Nru .../...<sup>1</sup>. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014,*

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

---

<sup>1</sup> *Regolament tal-Kunsill (UE) Nru .../... li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU...).*

Artikolu 1  
Suġġett u objettivi

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Strument ta' Sħubija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi sabiex jiġu avvanzati u promossi l-interessi tal-UE u dawk reċiproċi. L-Istrument ta' Sħubija għandu jappoġġa miżuri li jirrispondu b'mod effettiv u flessibbli għall-objettivi li jirriżultaw minn relazzjonijiet bilaterali, reġjonali jew multilaterali tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi u jindirizza sfidi ta' tħassib globali, ***jew jiżgura segwitu adegwat għad-deċiżjonijiet meħuda f'livell multilaterali***
2. Il-miżuri li għandhom jiġu ffinanzjati taħt dan l-Istrument għandhom jirriflettu l-objettivi speċifiċi tal-Unjoni li ġejjin:
  - (a) **■** l-appoġġ għall-istrateġiji ta' sħubija għall-kooperazzjoni bilaterali, reġjonali u interreġjonali ***tal-Unjoni*** u l-promozzjoni tad-djalogi politiċi u l-iżvilupp ta' approċċi u reazzjonijiet kollettivi għall-isfidi ta' tħassib globali. ***Dan l-objettiv għandu jitkejjel inter alia mill-progress li jsir mill-pajjiżi sħab ewlenin fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima jew fil-promozzjoni tal-istandards ambjentali tal-Unjoni;***
  - (ab) ***l-implimentazzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-"Ewropa 2020 - Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv"***. Dan l-objettiv għandu jitkejjel permezz tal-użu tal-politiki u l-objettivi tal-"Ewropa 2020" mill-pajjiżi sħab ewlenin;

- (b) it-titjib tal-aċċess *għas-swieq tal-pajjiżi terzi u l-għoti ta' spinta* lill-opportunitajiet ta' kummerċ, investiment u negozju għall-kumpanniji Ewropej, *filwaqt li jiġu eliminati l-ostakoli għall-aċċess għas-suq u l-investment*, permezz ta' sħubiji ekonomiċi, negozju u *kooperazzjoni* regolatorja. Dan l-objettiv għandu jitkejjel permezz tas-sehem tal-Unjoni f'kummerċ barrani mal-pajjiżi sħab ewlenin u bil-flussi ta' kummerċ u *ta' investment* lejn il-pajjiżi sħab immirati b'mod speċifiku b'azzjonijiet, programmi u miżuri taħt dan ir-Regolament;
- (c) it-tiżnih fl-għarfien u l-viżibbiltà wiesgħa tal-Unjoni kif ukoll ir-rwol tagħha fix-xena dinjija permezz ta' diplomazija pubblika, *kuntatti bejn il-persuni*, kooperazzjoni edukattiva/akkademika/*bejn gruppi ta' riflessjoni* u attivitajiet ta' komunikazzjoni għall-promozzjoni tal-valuri u l-interessi tal-Unjoni. Dan l-objettiv jista' jitkejjel, inter alia, permezz ta' stħarriġ jew evalwazzjonijiet tal-opinjonijiet.

Artikolu 2  
Kamp ta' applikazzjoni

1. ***Dan*** ir-Regolament għandu jappoġġa primarjament miżuri ta' kooperazzjoni ma' ***pajjiżi fejn l-Unjoni għandha interess strateġiku fil-promozzjoni ta' konnessjonijiet, speċjalment*** pajjiżi żviluppati u pajjiżi li qed jiżviluppaw li għandhom rwol dejjem aktar prominenti f'***affarijiet globali, inkluża l-politika barranija***, fl-ekonomija internazzjonali u l-kummerċ, ■ f'fora multilaterali, ■ fil-governanza globali u fl-indirizzar tal-isfidi ta' tħassib globali ***jew*** fejn l-Unjoni għandha interessi sinifikanti ***oħra***.
2. ***Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, il-pajjiżi, ir-reġjuni u t-territorji terzi kollha jistgħu jkunu eliġibbli għall-kooperazzjoni skont dan ir-Regolament.***

Artikolu 3  
Prinċipji ġenerali

1. L-Unjoni tfittex li tippromwovi, tiżviluppa u tikkonsolida l-prinċipji ta' **demokrazija, l-ugwaljanza**, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt li hija mibnija fuqhom permezz ta' djalogu u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.
2. Sabiex jissaħħa l-impatt tal-assistenza **mill-Unjoni**, għandu jiġi segwit approċċ differenzjat u flessibbli, fejn adatt, fit-tfassil tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi **terzi** biex jittieħed kont tal-kuntest ekonomiku, soċjali u dak politiku tagħhom u anke tal-interessi speċifiċi, il-prijoritajiet tal-politika u l-istrateġiji **tal-Unjoni**.
3. **L-Unjoni** għandha tippromwovi approċċ multilaterali **koerenti** lejn l-isfidi globali u għandha trawwem il-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet u l-korpi internazzjonali jew reġjonali, inklużi l-istituzzjonijiet finanzjarji, l-aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti, il-fondi u l-programmi, u donaturi bilaterali oħra.

4. Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Unjoni għandha jkollha l-għan li tiżgura l-koerenza u l-konsistenza ma' oqsma oħra tal-azzjoni esterna tagħha, b'mod partikolari l-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u ma' linji ta' politika rilevanti oħra **tal-Unjoni** matul il-formulazzjoni tal-linja politika, l-ippjanar strateġiku u l-iprogrammar u l-miżuri ta' implimentazzjoni.
5. Il-miżuri ffinanzjati taħt dan ir-Regolament għandhom ikunu bbażati, fejn adatt, fuq il-linji ta' politika dwar il-kooperazzjoni mniżżla fi strumenti bħal ftehimiet, dikjarazzjonijiet u pjani ta' azzjoni bejn l-Unjoni, ***l-organizzazzjonijiet internazzjonali*** u l-pajjiżi u r-reġjuni terzi kkonċernati.  
  
***Il-miżuri ffinanzjati taħt dan ir-Regolament*** għandhom ukoll jirrelataw ma' oqsma marbuta mal-***promozzjoni tal***-interessi speċifiċi, il-prijoritajiet ta' politika u l-istrateġiji **tal-Unjoni**.
6. L-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament Komuni ta' Implimentazzjoni.

Artikolu 4  
**Prijoritajiet tematiċi**

***Il-prijoritajiet*** li għandhom jiġu segwiti mill-assistenza ***tal-***Unjoni skont dan ir-Regolament huma elenkati fl-Anness. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 7 biex temenda ***l-prijoritajiet tematiċi stabbiliti*** fl-Anness ***għal dan ir-Regolament. B'mod partikolari, wara l-pubblikazzjoni tar-rapport ta' nofs it-terminu, kif imsemmi fl-Artikolu 16 tar-Regolament Komuni ta' Implimentazzjoni, u abbażi tar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-rapport ta' analiżi ta' nofs it-terminu, il-Kummissjoni għandha tadotta att iddelegat li jemenda l-Anness sal-31 ta' Marzu 2018.***

Artikolu 5  
Programmar u Allokazzjoni Indikattiva tal-fondi

1. Il-programmi pluriennali indikattivi għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15 (3) tar-Regolament Komuni ta' Implimentazzjoni. ■
2. Il-programmi indikattivi pluriennali għandhom jistabbilixxu l-interessi u l-prijoritajiet strateġiċi u/jew reċiproċi ***tal-***Unjoni, l-oġettivi speċifiċi u r-riżultati mistennija. Għall-pajjiżi jew ir-reġjuni li għalihom ikun ġie stabbilit Dokument ta' Qafas Konġunt, li jistabbilixxi strateġija komprensiva tal-Unjoni, il-programmi indikattivi pluriennali għandhom ikunu bbażati fuq dan id-dokument.

3. Il-programmi indikattivi pluriennali għandhom jistabbilixxu wkoll l-oqsma ta' prijorità magħżula għall-finanzjament mill-Unjoni u għandhom jiddeskrivu l-allokkazzjoni finanzjarja indikattiva tal-fondi, kemm b'mod ġenerali, għal kull qasam prijoritarju u għal kull pajjiż sieħeb jew grupp ta' pajjiżi sħab għall-perijodu kkonċernat inkluża l-parteciġazzjoni f'attivitajiet globali; dawn l-ammonti jistgħu, fejn adatt, jistgħu jiġu espressi fil-forma ta' firxa.



- 3a. *Programmi indikattivi pluriennali jistgħu jipprevedu ammont ta' fondi, li ma jaqbżux il-5 % tal-ammont totali, li mhuwiex allokat għal qasam ta' prijorità jew għal pajjiż jew grupp ta' pajjiżi sħab. Dawn il-fondi għandhom jiġu assenjati f'konformità mal-Artikolu 2 (2) u (3) tar-Regolament Komuni ta' Implimentazzjoni.*





7. Il-proċedura msemmija fl-Artikolu 15(4) tar-Regolament Komuni ta' Implimentazzjoni tista' tiġi applikata sabiex jiġu modifikati programmi indikattivi pluriennali *għal raġunijiet ta' urġenza imperattivi debitament ġustifikati.*
8. *B'referenza għall-Artikolu 1, il-Kummissjoni tista' tieħu kont tal-prossimità ġeografika tar-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni u l-pajjiżi u t-territorji barranin fil-kooperazzjoni tagħha ma' pajjiżi terzi.*
9. *Kwalunkwe programmar jew rieżami ta' programmi li jsir wara l-pubblikazzjoni tar-Rapport ta' nofs it-terminu msemmi fl-Artikolu 16 tar-Regolament Komuni ta' Implimentazzjoni għandu jieħu kont tar-riżultati, is-sejbiet u l-konklużjonijiet tiegħu.*

Artikolu 6  
Kumitat

Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat għall-Istrument ta' Sħubija. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 7  
Eżerċizzju tad-delega

1. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 4 għandha tingħata għall-perijodu ta' validità ta' dan ir-Regolament.
2. Id-delega tas-setgħat tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ.

3. Malli tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.
4. Att iddelegat adottat għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkunx ġiet espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika tal-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn lil huma infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

#### Artikolu 8

##### Ammont ta' referenza finanzjarja

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-perijodu mill-2014 sal-2020 għandu jkun ta' EUR [954 765]<sup>1</sup>. L-appropriazzjonijiet annwali għandhom jiġu deċiżi mill-awtorità tal-baġit bħala parti mill-proċedura baġitarja annwali fil-limiti stabbiliti fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali.

---

<sup>1</sup> *L-ammonti ta' referenza kollha ser jiddaħħlu wara li jiġu konklużi n-negozjati dwar il-Qafas Pluriennali (2014-2020)*

2. Kif imsemmi fl-Artikolu 13, paragrafu 2 tar-Regolament *(UE) Nru ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*<sup>1</sup>, sabiex tiġi promossa d-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni għolja, ammont indikattiv ta' EUR 1 680 000 000<sup>2</sup> mill-istrumenti esterni differenti (Strument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija, Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, Strument ta' Sħubija), ikun allokat għal azzjonijiet ta' mobbiltà tat-tagħlim lejn jew mill-pajjiżi tal-UE u għall-kooperazzjoni u d-djalogu ta' politika mal-awtoritajiet/istituzzjonijiet/organizzazzjonijiet minn dawk il-pajjiżi. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament *(UE) Nru ...* ser japplikaw għall-użu ta' dawk il-fondi. Il-finanzjament ser ikun disponibbli permezz ta' *żewġ* allokkazzjonijiet pluriennali li jkopru biss l-ewwel *erba'* snin u *t-tliet* snin li jkun baqa' rispettivament. Dan il-finanzjament ser ikun rifless fl-iprogrammar indikattiv pluriennali ta' dawn l-istrumenti, f'konformità mal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet identifikati tal-pajjiżi kkonċernati. L-allokkazzjonijiet jistgħu jiġu riveduti fil-każ ta' ċirkostanzi importanti mhux previsti jew bidliet politiċi importanti f'konformità mal-prijoritajiet esterni tal-UE.
3. *L-azzjonijiet fl-ambitu ta' "Erasmus+" ser jiġu ffinanzjati biss mill-Istrument ta' Sħubija dment li ma jkunux eliġibbli għal finanzjament taħt strumenti oħrajn tal-azzjoni esterna, u jikkomplementaw jew isaħħu inizjattivi oħra taħt dan ir-Regolament.*

---

<sup>1</sup> *Regolament Nru ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jstabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, 1720/2006/KE u 1298/2008/KE (ĠU L ...).*

Artikolu 9  
Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

**L-applikazzjoni** ta' dan ir-Regolament għandha tkun f'konformità mad-Deċiżjoni 2010/427/UE .

Artikolu 10  
Dħul fis-seħħ

■ Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ■ fil-jum wara **dak tal-**pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Hu għandu japplika mill-1 ta' Jannar **2014 sal-31 ta' Diċembru 2020**.

■ Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha ■

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew  
Il-President

Għall-Kunsill  
Il-President

## ANNEX

### ***PRIJORITAJIET TEMATIĊI TAĦT L-ISTRUMENT TA' SĦUBIJA BĦALA QAFAS ĠENERALI GĦALL-IPPROGGRAMMAR***

#### ***Objettiv 1.2 (a):***

***L-appoġġ għall-istrategġji ta' sħubija għall-kooperazzjoni bilaterali, reġjonali u interreġjonali tal-Unjoni billi jiġu promossi d-djalogi politiċi u jiġu żviluppati approċċi u reazzjonijiet kollettivi għall-isfidi ta' tħassib globali.***

- ***L-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija u Kooperazzjoni, il-Pjani ta' Azzjoni u strumenti bilaterali simili;***
- ***L-approfondiment tad-djalogu politiku u ekonomiku ma' pajjiżi terzi ta' rilevanza partikolari fl-affarijiet dinjija, inkluż fil-politika barranija;***

- *L-appoġġ tal-impenn mal-pajjiżi terzi rilevanti rigward kwistjonijiet bilaterali u globali ta' tħassib komuni;*
- *Il-promozzjoni ta' segwitu xieraq jew implimentazzjoni kkoordinata tal-konklużjonijiet ta' fora internazzjonali, bħall-G-20.*

*It-tisħiħ tal-kooperazzjoni fl-isfidi globali li tindirizza b'mod partikolari t-tibdil fil-klima, is-sigurtà tal-enerġija u l-ħarsien tal-ambjent.*

- *L-istimulazzjoni tal-isforzi f'pajjiżi sħab għat-tnaqqis l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, b'mod partikolari bil-promozzjoni u l-appoġġ għal standards regolatorji u ta' prestazzjoni adegwati;*
- *L-għoti ta' spinta lill-ekoloġizzazzjoni tal-produzzjoni u l-kummerċ;*
- *L-iżvilupp tal-kooperazzjoni fl-enerġija;*
- *Il-promozzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli u sostenibbli.*

**Objettiv 1.2 (b):**

***L-implimentazzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-"Ewropa 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv", li tgħaqqad it-tliet pilastrri: ekonomiku, soċjali u ambjentali:***

- ***It-tisħiħ tad-djalogi ta' politika u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi rilevanti, billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-oqsma kollha fl-ambitu tal-istrateġija Ewropa 2020;***
- ***Il-promozzjoni tal-politiki interni tal-Unjoni ma' pajjiżi sħab ewlenin u l-appoġġ għall-konverġenza regolatorja f'dan ir-rigward.***



**Objettiv 1.2 (c):**

***Il-faċilitazzjoni u l-appoġġ ta' relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali ma' pajjiżi sħab:***

- ***Il-promozzjoni ta' ambjent sigur għall-investiment u l-kummerċ, inkluż il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, l-indirizzar tal-ostakoli għall-aċċess għas-suq, kooperazzjoni regolatorja msaħħa u l-promozzjoni ta' opportunitajiet għall-prodotti u s-servizzi tal-Ewropa, speċjalment f'oqsma fejn l-Ewropa għandha vantaġġ kompetittiv, u l-istandards internazzjonali;***
- ***L-appoġġ għan-negozjar, l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' ftehimiet ta' kummerċ u investiment tal-UE.***

**Objettiv 1.2 (d):**

***It-tisħiħ tal-kooperazzjoni fl-edukazzjoni għolja:***

- ***It-tisħiħ tal-mobilità tal-istudenti u tal-persunal akkademiku, li jwassal għall-ħolqien ta' sħubijiet bil-għan li jtejbu l-kwalità tal-edukazzjoni għolja u ta' lawrji konġunti li jwasslu għar-rikonoxximent akkademiku (Erasmus +);***

***It-tisħiħ ta' għarfien mifruq u l-ħolqien profil ogħla tal-Unjoni:***

- ***Il-promozzjoni tal-valuri u l-interessi tal-UE f'pajjiżi sħab permezz ta' diplomazija pubblika msaħħa u attivitajiet ta' komunikazzjoni li jappoġġaw l-objettivi tal-istrument.***
-

## **ANNEX TO THE LEGISLATIVE RESOLUTION**

### **STATEMENT BY THE EUROPEAN PARLIAMENT ON THE SUSPENSION OF ASSISTANCE GRANTED UNDER THE FINANCIAL INSTRUMENTS**

The European Parliament notes that the Regulation establishing a financing instrument for development cooperation, the Regulation establishing a European Neighbourhood Instrument, the Regulation establishing a Partnership Instrument for cooperation with third countries and the Regulation on the Instrument for Pre-accession Assistance do not contain any explicit reference to the possibility of suspending assistance in cases where a beneficiary country fails to observe the basic principles enunciated in the respective instrument and notably the principles of democracy, rule of law and the respect for human rights.

The European Parliament considers that any suspension of assistance under these instruments would modify the overall financial scheme agreed under the ordinary legislative procedure. As a co-legislator and co-branch of the budgetary authority, the European Parliament is therefore entitled to fully exercise its prerogatives in that regard, if such a decision is to be taken.

## **STATEMENT BY THE COMMISSION ON THE STRATEGIC DIALOGUE WITH THE EUROPEAN PARLIAMENT<sup>1</sup>**

On the basis of Article 14 TEU, the Commission will conduct a strategic dialogue with the European Parliament prior to the programming of [add the name of the corresponding ENI, DCI, IPA II, EIDHR, ISP, PI Regulation] and after initial consultation of its relevant beneficiaries, where appropriate. The Commission will present to the Parliament the relevant available documents on programming with indicative allocations foreseen per country/region, and, within a country/region, priorities, possible results and indicative allocations foreseen per priority for geographic programmes, as well as the choice of assistance modalities\*. The Commission will present to the Parliament the relevant available documents on programming with thematic priorities, possible results, choice of assistance modalities\*, and financial allocations for such priorities foreseen in thematic programmes. The Commission will take into account the position expressed by the European Parliament on the matter.

The Commission will conduct a strategic dialogue with the European Parliament in preparing the Mid Term Review and before any substantial revision of the programming documents during the period of validity of this Regulation.

The Commission, if invited by the European Parliament, will explain where Parliament's observations have been taken into consideration in the programming documents and any other follow-up given to the strategic dialogue.

---

<sup>1</sup> The Commission will be represented at the responsible Commissioner level

\* Where applicable

## **Emenda 1**

### **Proposta għal regolament Premessa 6a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(6a) L-isfidi transnazzjonali, bħat-tibdil fil-klima, kwistjonijiet regolatorji globali, l-aċċess għall-materji primi u għall-elementi rari tal-art u l-istabbiltà politika u ekonomika globali, se jirrikjedu approċċ ibbażat fuq ir-regoli u inklużiv, imsejjes fuq is-sħubija, valuri komuni, kunsens, konsulatazzjoni stretta u kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi jekk irridu nsibu soluzzjonijiet effikaċi u verament kondiviżi għall-isfidi transnazzjonali; l-Unjoni tista' u għandha tieħu inizjattiva f'dan ir-rispett.***

## **Emenda 2**

### **Proposta għal regolament Premessa 6b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(6b) L-Unjoni għandha tiżvolġi rwol proattiv fil-bini ta' istituzzjonijiet effikaċi, inklużivi u globali, imsejsa fuq is-sħubija u l-konverġenza, li jkunu jistgħu jagħtu kontribut effikaċi lill-governanza globali. Skont l-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Unjoni hija impenjata favur multilateraliżmu effikaċi b'Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti b'saħħitha fil-qalba tiegħu.***

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament Premessa 6c (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(6c) Huwa fl-interess tal-Unjoni li tapprofondixxi r-relazzjonijiet tagħha mal-pajjiżi li huma strateġiċi għall-interessi tagħha, partikolarment dawk il-pajjiżi li jiżvolġu rwol dejjem iktar rilevanti fil-politika barranija fix-xena dinjija, fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-istituzzjonijiet dinjin u fl-organizzazzjonijiet internazzjonali u fil-proċessi ta' riforma tagħhom.**

### Emenda 4

#### Proposta għal regolament Premessa 7

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(7) Huwa fl-interess tal-UE li tkompli tapprofondixxi r-relazzjonijiet tagħha ma' ***msieħba*** li qed ikollhom rwol dejjem aktar importanti fl-ekonomija u l-kummerċ internazzjonali, fil-kummerċ u l-kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar, fil-fora multilaterali ***inkluż*** il-Grupp ta' Għoxrin Ministru *tal-Finanzji* u Gvernatur tal-Banek Ċentrali (G20), fil-governanza globali u fl-indirizzar tal-isfidi ta' tħassib globali. ***L-UE teħtieġ tibni sħubiji komprensivi ma' atturi ġodda fix-xena internazzjonali, sabiex tippromwovi ordni internazzjonali stabbli u inklużiv, issegwi l-beni pubbliċi globali komuni, u tiddefendi l-interessi ewlenin tal-UE kif ukoll għarfien akbar dwar l-UE f'dawn il-pajjiżi.***

(7) Huwa fl-interess tal-UE li tkompli tapprofondixxi r-relazzjonijiet tagħha ma' ***pajjiżi*** li qed ikollhom rwol dejjem aktar importanti fl-ekonomija u l-kummerċ internazzjonali, fil-kummerċ u l-kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar, fil-fora multilaterali, ***partikolarment*** il-Grupp ***tas-Seba' Ministri tal-Finanzi (G7), il-Grupp tat-8 Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern (G8) u l-Grupp ta' Għoxrin Ministru tal-Finanzi*** u Gvernatur tal-Banek Ċentrali (G20), fil-governanza globali u fl-indirizzar tal-isfidi ta' tħassib globali.

## **Emenda 5**

### **Proposta għal regolament Premessa 7a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(7a) L-Unjoni għandha ssostni l-proċess ta' bini ta' kunsens fi ħdan il-qafas tal-G7, tal-G8 u tal-G20, u għandha ssostni l-konklużjonijiet li jintlaħqu f'tali fora flimkien mad-djalogu politiku ta' segwitu u l-iskemi ta' implimentazzjoni adegwati.*

## **Emenda 6**

### **Proposta għal regolament Premessa 7b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(7b) L-Unjoni għandha ssostni proċess ta' riflessjoni mal-pajjiżi strateġiċi dwar il-proċess ta' riforma tal-istituzzjonijiet dinjin u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali abbażi ta' nozzjoni ta' governanza inklużiva u effikaċi.*

## **Emenda 7**

### **Proposta għal regolament Premessa 7c (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(7c) L-Unjoni teħtieġ tkompli tibni sħubiji komprensivi ma' atturi dinjin ġodda fix-xena internazzjonali, sabiex tippromwovi ordni internazzjonali stabbli u inklużiv, issegwi l-oġettivi pubbliċi globali komuni, tiddefendi l-interessi ewlenin tal-Unjoni, tippromwovi l-istandards ta' regolamentazzjoni Ewropej kif ukoll iżżid l-għarfien dwar l-Unjoni fil-pajjiżi kkonċernati.*

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Premessa 8

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) L-UE teħtiegħ strument finanzjarju ta' ambitu globali li **jippermetti** l-finanzjament ta' miżuri li jaf ma jikkwalifikawx bħala ODA iżda li huma importanti ħafna għat-tisħiħ u l-konsolidazzjoni tar-relazzjonijiet tagħha mal-pajjiżi **msieħba** kkonċernati, b'mod partikolari permezz ta' djalogi politiċi u l-iżvilupp ta' sħubijiet.

#### *Emenda*

(8) L-UE **għaldaqstant** teħtiegħ **politika barranija ġenerali ġdida u** strument finanzjarju ta' ambitu globali **għall-azzjoni esterna tagħha għall-promozzjoni tad-djalogu politiku mal-pajjiżi li huma strateġiċi għall-interessi tagħha**, li **jippermettu** l-finanzjament ta' miżuri li jaf ma jikkwalifikawx bħala ODA iżda li huma importanti ħafna għat-tisħiħ u l-konsolidazzjoni tar-relazzjonijiet tagħha mal-pajjiżi kkonċernati, b'mod partikolari permezz ta' djalogi politiċi **speċifiċi** u l-iżvilupp ta' sħubijiet.

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Premessa 9

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) **Minkejja l-enfasi** speċifiku fuq l-atturi globali, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu **jkun** li jiffaċilita l-appoġġ **madwar id-dinja** għal miżuri ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw fejn l-Unjoni għandha interessi sinifikanti skont l-oġettivi ta' dan ir-Regolament.

#### *Emenda*

(9) **Barra mill-enfasi** speċifiku fuq l-atturi globali, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu **jkopri potenzjalment il-pajjiżi kollha madwar id-dinja li huma strateġiċi għall-interessi tal-Unjoni**, u jiffaċilita l-appoġġ għal miżuri ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw fejn l-Unjoni għandha interessi sinifikanti skont l-oġettivi ta' dan ir-Regolament.



## Emenda 10

### Proposta għal regolament Premessa 12

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(12) B'mod partikolari, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima ***hija rikonoxxuta*** bħala waħda mill-isfidi l-kbar li l-Unjoni tikkonfronta u l-qasam fejn hija meħtieġa azzjoni internazzjonali urġenti. Skont l-għan iddikjarat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Baġit għall-Ewropa 2020" ta' żieda fis-sehem mill-baġit tal-Unjoni relatat mal-klima għal tal-inqas 20%, ir-Regolament għandu jikkontribwixxi għal dak il-għan.

#### *Emenda*

(12) B'mod partikolari, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima ***u l-promozzjoni tal-istandards Ewropej għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima huma rikonoxxuti*** bħala waħda mill-isfidi l-kbar li l-Unjoni tikkonfronta u l-qasam fejn hija meħtieġa azzjoni internazzjonali urġenti. Skont l-għan iddikjarat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Baġit għall-Ewropa 2020" ta' żieda fis-sehem mill-baġit tal-Unjoni relatat mal-klima għal tal-inqas 20%, ir-Regolament għandu jikkontribwixxi għal dak il-għan.

## Emenda 11

### Proposta għal regolament Premessa 14a (ġdida)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***(14a) Fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, l-Unjoni għandha ssostni l-promozzjoni tal-governanza tajba u tal-istandards komuni fl-industriji tal-minjieri fil-pajjiżi terzi, bil-għan li l-Unjoni tiżgura l-aċċess tajjeb għar-riżorsi naturali.***

## Emenda 12

### Proposta għal regolament Premessa 15a (ġdida)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***(15a) L-azzjoni esterna tal-Unjoni fl-ambitu tal-istrument stabbilit minn dan ir-Regolament għandu jkollha impatt rifless f'bidliet konkreti fil-pajjiżi benefiċjarji.***

*Tali impatt għandu, meta possibbli, ikun monitorjat u valutat abbażi ta' indikaturi predefiniti, çari, trasparenti u li jistgħu jitkejlu.*

### **Emenda 13**

#### **Proposta għal regolament Premessa 15b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(15b) Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni diversifikata u tal-inizjattivi ta' sħubija għandha għalhekk tkun ibbażata fuq valutazzjoni tal-impatt u objettivi kwantitattivi u kwalitattivi çari li jippermettu, fl-okkażjoni tal-ewwel reviżjoni, li ssir valutazzjoni dwar jekk tali inizjattivi hux qegħdin jipproduċu r-riżultati ffissati bħala objettivi u biex jiġi deċiż jekk tali inizjattivi għandhomx ikomplu jiġu ffinanzjati fi prospettivi aktar fit-tul.*

### **Emenda 14**

#### **Proposta għal regolament Premessa 15c (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(15c) Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni diversifikata u tal-inizjattivi ta' sħubija ma għandhiex, meta possibbli, tissarraf sempliċement f'appoġġ mill-baġit; meta biex jiġu segwiti l-interessi strateġiċi tal-Unjoni jkun meħtieġ l-għoti ta' appoġġ mill-baġit fl-ambitu tal-istrument stabbilit minn dan ir-Regolament, għandu jkun kundizzjonat għall-objettivi u l-kriterji tal-prestazzjoni çari kif ukoll għall-istandards tal-awditjar trasparenti, bil-għan li tiġi garantita l-effikaċja tal-użu tal-għajnuna.*

## **Emenda 15**

### **Proposta għal regolament Premessa 15d (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(15d) Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni diversifikata u tal-inizjattivi ta' sħubija għandha tkun kundizzjonata għall-benefiċjarju jew il-pajjiż imsieħeb ikkonċernat li jirrispetta d-dritt u l-istandards internazzjonali. F'każ ta' ksur gravi jew ripetut tad-dritt jew tal-istandards internazzjonali min-naħa tal-benefiċjarju jew tal-pajjiżi msieħba, għandha titqies l-interruzzjoni tal-programmi ffinanzjati fl-ambitu tal-istrument stabbilit minn dan ir-Regolament.***

## **Emenda 16**

### **Proposta għal regolament Premessa 15e (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(15e) L-azzjoni tal-Unjoni fix-xena internazzjonali għandha tiġi ggwidata mill-prinċipji li jispiraw il-ħolqien, l-iżvilupp u t-tkabbir tagħha stess u li hija tfittex li tippromwovi fil-bqija tad-dinja, jiġifieri d-demokrazija, l-Istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji tal-ugwaljanza, is-solidarjetà, u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u tad-dritt internazzjonali.***

## **Emenda 17**

### **Proposta għal regolament Premessa 15f (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(15f) L-Unjoni għandha tfittex li tagħmel l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli biex tottimizza l-impatt tal-azzjoni esterna tagħha. Dak għandu jsir permezz ta' approċċ komprensiv għal kull pajjiż ibbażat fuq il-komplementarjetà, il-ħolqien ta' sinerġiji u t-tisħiħ reċiproku tal-programmi mfassla fil-qafas ta' dan ir-Regolament u tal-istrumenti esterni l-oħra tal-Unjoni.*

## **Emenda 18**

### **Proposta għal regolament Premessa 15g (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(15g) Bil-għan li jiġi garantit profil għoli għall-azzjoni esterna tal-Unjoni favur iċ-ċittadini tal-pajjiżi msieħba u dawk tal-Unjoni, għandu jkun hemm, meta possibbli, komunikazzjoni mmirata b'mezzi adegwati. Ir-rekwiżiti minimi xierqa f'dan ir-rigward għandhom ikunu definiti mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni stretta mal-benefiċjarji u r-rispett ta' tali rekwiżiti għandu jiġi monitorjat.*

## **Emenda 19**

### **Proposta għal regolament Premessa 15h (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(15h) Il-programmi u l-inizjattivi mibdija fl-ambitu ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu koerenti mal-*

*pożizzjonijiet adottati fir-risoluzzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Parlament Ewropew u kemm jista' jkun jirriflettuhom.*

## **Emenda 20**

### **Proposta għal regolament Premessa 18a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(18a) L-objettivi ta' dan ir-Regolament għandhom, meta possibbli, jiġu segwiti fi ħdan il-qafas ta' djalogu mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kemm fl-Unjoni kif ukoll fil-pajjiżi terzi li huma strateġiċi għall-interessi tal-Unjoni.*

## **Emenda 21**

### **Proposta għal regolament Premessa 19**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(19) Sabiex il-kamp ta' appikazzjoni ta' dan ir-Regolament jiġi adattat għar-realtà li qed tevolve malajr fil-pajjiżi terzi, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni rigward l-oqsma speċifikati ta' kooperazzjoni definiti fl-Anness. Hija ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni għandha twestaq konsultazzjonijiet xierqa waqt ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fuq livell espert. Il-Kummissjoni, meta tnejji u tfassal l-atti ddelegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*

*(19) Fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, id-dokumenti li jiddefinixxu l-objettivi, il-prijoritajiet, ir-riżultati mistennija u l-allokazzjonijiet finanzjarji f'termini wesgħin huma dokumenti ta' programmazzjoni strateġiċi, fis-sens tar-Regolament (UE, Euratom) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-azzjoni esterna\*, minn hawn 'il quddiem ir-'Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni'. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tkun delegata lill-Kummissjoni għal finijiet ta' adozzjoni u reviżjoni tad-dokumenti ta' programmazzjoni strateġiċi u ta' supplement għal-lista tal-oqsma ta'*

*kooperazzjoni dettaljati fl-Anness.* Hija ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni għandha twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fuq livell espert. Il-Kummissjoni, meta tfejji u tfassal l-atti *delegati*, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

\* *ĠU L...*

## Emenda 22

### Proposta għal regolament Premessa 20

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(20) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament Nru 182/2011 tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-mekkaniżmi ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni. ***Meta wieħed jieħu kont tan-natura ta' dawk l-atti implimentattivi, partikolarment in-natura tal-orjentazzjoni politika tagħhom jew l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħhom, il-proċedura ta' eżaminazzjoni għandha fil-prinċipju tintuża għall-adozzjoni tagħhom, ħlief għal miżuri implimentattivi tekniċi ta' skala finanzjarja żgħira.***

#### *Emenda*

(20) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-mekkaniżmi ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ***u skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni.***

## Emenda 23

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Ir-Regolament jistabbilixxi Strument ta' Sħubija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi sabiex jiġu avvanzati u promossi l-interessi tal-UE u dawk reċiproċi. L-Istrument ta' Sħubija jappoġġja miżuri li jirrispondu b'mod effettiv u flessibbli għall-għanijiet li jirriżultaw minn relazzjonijiet bilaterali, reġjonali jew multilaterali tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi u jindirizza sfidi ta' tħassib globali.

*Emenda*

1. Ir-Regolament jistabbilixxi Strument ta' Sħubija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi sabiex jiġu avvanzati u promossi l-interessi tal-UE u dawk reċiproċi. L-Istrument ta' Sħubija jappoġġja miżuri li jirrispondu b'mod effettiv u flessibbli għall-għanijiet li jirriżultaw minn relazzjonijiet bilaterali, reġjonali jew multilaterali tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi, ***jippromwovi d-djalogu politiku u sistema ta' governanza inklużiva fuq livell globali*** u jindirizza sfidi ta' tħassib globali. ***L-Istrument ta' Sħubija jimmira wkoll li jsaħħaħ u jippromwovi r-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili bħala elementi fundamentali tal-istruttura soċjali, ekonomika u politika ta' pajjiż.***

## Emenda 24

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) l-implimentazzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-Istrateġija "Ewropa 2020" billi jiġu appoġġjati l-istrateġiji ta' sħubiji ta' kooperazzjoni bilaterali, reġjonali u interreġjonali tal-UE, bil-promozzjoni ta' djalogi dwar linji ta' politika u billi jiġu żviluppati approċċi u reazzjonijiet kollettivi għall-isfidi ta' tħassib globali bħas-sigurtà tal-enerġija, it-tibdil fil-klima u l-ambjent. Dan l-għan jiġi mkejjejl permezz tal-użu tal-politiki u l-oġettivi tal-"Ewropa 2020" mill-pajjiżi msieħba ewlenin;

*Emenda*

(a) l-implimentazzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-Istrateġija "Ewropa 2020" billi jiġu appoġġjati l-istrateġiji ta' sħubiji ta' kooperazzjoni bilaterali, reġjonali u interreġjonali tal-UE, bil-promozzjoni ta' djalogi dwar linji ta' politika u billi jiġu żviluppati approċċi u reazzjonijiet kollettivi għall-isfidi ta' tħassib globali bħas-sigurtà tal-enerġija, it-tibdil fil-klima u l-ambjent, ***fost affarijiet oħra, fi ħdan il-qafas tad-djalogu politiku fil-livell tal-Grupp tas-Seba' Ministri tal-Finanzi (G7), tal-Grupp tat-Tmien Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern (G8) u tal-Grupp tal-Ghoxrin Ministru tal-Finanzi u***

**Gvernatur tal-Banek Ċentrali (G20).** Dan l-għan jiġi mkejjejl permezz tal-użu tal-politiki u l-oġġettivi tal-"Ewropa 2020" mill-pajjiżi msieħba ewlenin ***fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-impatt u oġġettivi kwantitattivi u kwalitattivi ċari. Il-miżuri diretti lejn it-tisħiħ tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima jew lejn il-promozzjoni tal-istandards ambjentali tal-Unjoni fil-pajjiżi terzi jfittxu, meta possibbli, li jgħaqqdu l-oġġettivi ambjentali ma' impatt soċjali pożittiv u l-ħolqien jew il-promozzjoni tal-impjiegi;***

## Emenda 25

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt c

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) tisħiħ fl-għarfien u l-viżibbiltà wiesgħa tal-Unjoni kif ukoll ir-rwol tagħha fix-xena dinjija permezz ta' diplomazija pubblika, il-kooperazzjoni edukattiva/akkademika u l-attivitajiet ta' komunikazzjoni għall-promozzjoni tal-valuri u l-interessi tal-Unjoni. Dan l-għan jista' jitkejjel, inter alia, permezz ta' sħarriġ ta' opinjonijiet jew evalwazzjonijiet.

#### *Emenda*

(c) tisħiħ fl-għarfien u l-viżibbiltà wiesgħa tal-Unjoni kif ukoll ir-rwol tagħha fix-xena dinjija permezz ta' diplomazija pubblika, il-kooperazzjoni edukattiva/akkademika ***li għandha tkun promossa wkoll permezz tal-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet fuq bażi ta' komunitajiet, jiġifieri laboratorji ta' ideat u istituti ta' riċerka u tal-edukazzjoni għolja*** u l-attivitajiet ta' komunikazzjoni għall-promozzjoni tal-valuri u l-interessi tal-Unjoni. Dan l-għan jista' jitkejjel, inter alia, permezz ta' sħarriġ ta' opinjonijiet jew evalwazzjonijiet.

## Emenda 26

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Il-pajjiżi terzi, ir-reġjuni u t-territorji kollha jistgħu jkunu eliġibbli għall-

#### *Emenda*

1. Il-pajjiżi terzi, ir-reġjuni u t-territorji kollha ***li huma strateġiċi għall-interessi tal-Unjoni u li jiżvolġu rwol kruċjali fl-***



kooperazzjoni skont dan ir-Regolament.

*implimentazzjoni ta' suċċess tal-Aġenda Ewropa 2020* jistgħu jkunu eliġibbli għall-kooperazzjoni skont dan ir-Regolament.

## Emenda 27

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Madanakollu, dan ir-Regolament jappoġġja primarjament miżuri ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi żviluppatti u li qed jiżviluppaw li għandhom rwol dejjem aktar prominenti fl-ekonomija internazzjonali u l-kummerċ, f'fora multilaterali, fil-governanza globali u fl-indirizzar tal-isfidi ta' tħassib globali u fejn l-Unjoni għandha interessi sinifikanti.

#### *Emenda*

2. Madanakollu, dan ir-Regolament jappoġġja primarjament miżuri ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi żviluppatti u li qed jiżviluppaw li għandhom rwol dejjem aktar prominenti ***fil-politika barranija***, fl-ekonomija internazzjonali u l-kummerċ, f'fora multilaterali, ***partikolarment il-G7, il-G8 u l-G20***, fil-governanza globali, ***b'riferiment partikolari għad-djalogu politiku dwar kunċett ġdid u aktar inklużiv u effikaċi ta' governanza u dwar ir-riforma tal-istituzzjonijiet dinjin u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali*** u fl-indirizzar tal-isfidi ta' tħassib globali u fejn l-Unjoni għandha interessi sinifikanti, ***inklużi l-pajjiżi tal-Amerika Ċentrali u tan-Nofsinhar meta tali pajjiżi ma jikkwalifikawx għall-programmi fl-ambitu tal-istrument tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp bil-għan, fost affarijiet oħra, li jkunu kkonsolidati l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, konformement mal-programmi preċedentement eżistenti.***

## Emenda 28

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Sabiex jissaħħaħ l-impatt tal-għajnuna mill-Unjoni, għandu jiġi segwit approċċ differenzjat u flessibbli, fejn xieraq, fit-fassil tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi

#### *Emenda*

2. Sabiex jissaħħaħ l-impatt tal-għajnuna mill-Unjoni, għandu jiġi segwit approċċ differenzjat u flessibbli, fejn xieraq, fit-fassil tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi ***terzi***

*msieħba* sabiex jiġu kkunsidrati l-kuntesti ekonomiċi, soċjali u politiċi tagħhom u anki l-interessi speċifiċi, il-prijoritajiet tal-politika u l-istrateġiji tal-Unjoni.

sabiex jiġu kkunsidrati l-kuntesti ekonomiċi, soċjali u politiċi tagħhom u anki l-interessi speċifiċi, il-prijoritajiet tal-politika u l-istrateġiji tal-Unjoni.

## Emenda 29

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Fl-oqsma rispettivi ta' kompetenza tagħhom, l-Unjoni u l-Istati Membri jippromwovu approċċ multilaterali għall-isfidi globali u jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali jew reġjonali, inklużi l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, aġenziji, fondi u programmi tan-Nazzjonijiet Uniti, l-OECD, u *l-Grupp tal-Għoxrin Ministru tal-Finanzi u Governatur tal-Banek Ċentrali (G20)* u donaturi bilaterali oħra.

#### *Emenda*

3. Fl-oqsma rispettivi ta' kompetenza tagħhom, l-Unjoni u l-Istati Membri jippromwovu approċċ multilaterali għall-isfidi globali u jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali jew reġjonali, inklużi l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, aġenziji, fondi u programmi tan-Nazzjonijiet Uniti, l-OECD, *il-G7, il-G8 u l-G20* u donaturi bilaterali oħra.

## Emenda 30

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Unjoni timmira li tiżgura l-koerenza u l-konsistenza ma' oqsma oħra tal-azzjoni esterna tagħha, b'mod partikolari l-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u ma' linji ta' politika rilevanti oħra tal-Unjoni matul il-formulazzjoni tal-linja politika, l-ippjanar strateġiku u l-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-miżuri.

#### *Emenda*

4. Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Unjoni timmira li tiżgura l-koerenza u l-konsistenza ma' oqsma oħra tal-azzjoni esterna tagħha, b'mod partikolari l-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u ma' linji ta' politika rilevanti oħra tal-Unjoni matul il-formulazzjoni tal-linja politika, l-ippjanar strateġiku u l-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-miżuri. *B'mod partikolari, l-Unjoni ttipprova tiddefinixxi approċċ komprensiv għal kull pajjiż billi tiżgura l-komplementarjetà, il-ħolqien ta' sinerġiji*

*u t-tisħiħ reċiproku tal-programmi kollha mfassla fil-kuntest tal-istrumenti rilevanti tal-azzjoni esterna.*

## **Emenda 31**

### **Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 5**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Fejn xieraq, il-miżuri ffinanzjati taħt dan ir-Regolament *ikunu* bbażati fuq il-politiki ta' kooperazzjoni stabbiliti notevolment fi strumenti bħal ftehimiet, dikjarazzjonijiet u pjanijiet ta' azzjoni bejn l-Unjoni u l-pajjiżi terzi u r-reġjuni kkonċernati, u *jkunu* jirrigwardaw ukoll oqsma marbuta **mal-interessi** speċifiċi, il-prijoritajiet tal-linja politika u l-istrateġiji tal-Unjoni.

#### *Emenda*

5. Fejn xieraq, il-miżuri ffinanzjati taħt dan ir-Regolament *huma* bbażati fuq il-politiki ta' kooperazzjoni stabbiliti notevolment fi strumenti bħal ftehimiet, dikjarazzjonijiet u pjanijiet ta' azzjoni bejn l-Unjoni u l-pajjiżi terzi u r-reġjuni kkonċernati, ***fuq id-djalogu mal-interlokuturi rilevanti tas-soċjetà ċivili u fuq il-konklużjonijiet rilevanti tas-samits tal-G7, tal-G8 u tal-G20. Il-miżuri ffinanzjati fl-ambitu ta' dan ir-Regolament b'mod partikolari jirrigwardaw ukoll oqsma marbuta mal-promozzjoni tal-interessi*** speċifiċi, il-prijoritajiet tal-linja politika u l-istrateġiji tal-Unjoni.

## **Emenda 32**

### **Proposta għal regolament Artikolu 4**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-oqsma speċifiċi ta' kooperazzjoni li jiġu segwiti mill-ġhajnuna tal-Unjoni skont dan ir-Regolament huma elenkati fl-Anness. ***Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 7 biex temenda jew tissupplimenta l-Anness.***

#### *Emenda*

L-oqsma speċifiċi ta' kooperazzjoni li jiġu segwiti mill-ġhajnuna tal-Unjoni skont dan ir-Regolament huma elenkati fl-Anness.

## Emenda 33

### Proposta għal regolament Artikolu 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 4a*

##### *Involviment tas-soċjetà ċivili*

*Hija u tħejji, timplimenta, timmonitorja u tivvaluta l-kooperazzjoni fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, tqis b'mod adegwat il-pożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali rilevanti, tal-imsieħba u l-atturi ekonomiċi u soċjali u tinkoraġġihom jaġixxu bħala partijiet interessati proattivi f'dak il-proċess.*

*Il-Kummissjoni u, b'mod partikolari, id-delegazzjonijiet tal-Unjoni fil-pajjiżi benefiċjarji jqisu, meta possibbli u xieraq u b'mod trasparenti u verifikabbli, il-pożizzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċess ta' implimentazzjoni u jggarantixxu li jittieħdu azzjonijiet adegwati biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' dawk l-organizzazzjonijiet biex jiżvolġu rwol sinifikattiv f'dak il-proċess.*

## Emenda 34

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1) Il-programmi multiannwali indikattivi jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 15 (3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni. Din il-proċedura tapplika anki għal reviżjonijiet sostanzjali li għandhom l-effett li jibdlu l-istrateġija jew l-ipprogrammar tagħha*

*1. Id-dokumenti msemmijin f'dan l-Artikolu jikkostitwixxu dokumenti ta' programmazzjoni strateġika fis-sens tal-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni u jkunu adottati skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 6a u 7 ta' dan ir-Regolament.*

*b'mod sinifkanti.*

### **Emenda 35**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(6) Il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemija fil-paragrafu (1) ma tapplikax għal modifikazzjonijiet mhux sostanzjali fil-programmi indikattivi multiannwali, bħal dawk li jagħmlu aġġustamenti tekniċi, jassenjaw il-fondi mill-ġdid fi ħdan l-allokkazzjonijiet indikattivi għal kull qasam prijoritarju jew li jżidu jew inaqqsu d-daqs tal-allokkazzjoni ġenerali inizjali b'inqas minn 20%, sakemm dawn il-modifiki ma jaffettwawx l-oqsma prijoritarji u l-għanijiet stabbiliti fil-programmi indikattivi multiannwali. Tali aġġustamenti tekniċi jiġu kkomunikati fi żmien xahar lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.**

***imħassar***

### **Emenda 36**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(7) Il-proċedura msemija fl-Artikolu 15(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni tista' tiġi applikata sabiex jiġu modifikati programmi indikattivi multiannwali fejn ikun meħtieġ rispons malajr mill-Unjoni.**

***imħassar***

## **Emenda 37**

### **Proposta għal regolament Artikolu 6a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 6a**

##### ***Delega tas-setgħat lill-Kummissjoni***

***1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 7 bil-għan li tadotta u tirrevedi d-dokumenti ta' programmazzjoni strateġiċi msemmijin fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni u temenda jew tissupplementa l-Anness dwar l-oqsma ta' kooperazzjoni dettaljati taħt dan ir-Regolament.***

***2. Jekk, f'każ ta' adożzjoni u reviżjoni tad-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1 jew ta' emenda jew supplement tal-Anness, raġunijiet imperattivi ta' urġenza, bħal kriżijiet jew theddid għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, jew diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem hekk jeħtieġu, il-proċeduri previsti fl-Anness 7a japplikaw għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.***

## **Emenda 38**

### **Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(1) Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 4 tingħata għall-perjodu ta' validità ta' dan ir-Regolament.***

***1. Is-setgħa ta' adożzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 6a tingħata sal-31 ta' Diċembru 2017.***

## Emenda 39

### Proposta għal regolament Artikolu 7a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 7a*

##### *Proċedura ta' urġenza*

*1. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, bħal kriżijiet jew theddid għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, fosthom il-libertà tar-reliġjon jew twemmin u l-libertà ta' espressjoni, jew diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem, f'każ li jeżisti bżonn ta' adozzjoni jew reviżjoni ta' atti delegati, l-atti delegati riveduti jew adottati fl-ambitu ta' dan l-Artikolu jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u japplikaw sakemm ma ssir l-ebda oġġezzjoni konformement mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tiddikjara r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.*

*2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 6a(2). F'dak il-każ, il-Kummissjoni tħassar l-att mingħajr dewmien wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.*

## Emenda 40

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-perjodu mill-2014 sal-2020 ikun ta' EUR 1 131 000 000 miljun. L-*

*1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-perjodu mill-2014 sal-2020 ikun ta' EUR [...]. L-appropriazzjonijiet annwali*

approprjazzjonijiet annwali jiġu deċiżi mill-awtorità tal-baġit bħala parti mill-proċedura baġitarja annwali fil-limiti stabbiliti fil-Qafas Finanzjarju Multiannwali.

jiġu deċiżi mill-awtorità tal-baġit bħala parti mill-proċedura baġitarja annwali fil-limiti stabbiliti fil-Qafas Finanzjarju Multiannwali.

## Emenda 41

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Kif imsemmi fl-Artikolu 13, paragrafu 2 tar-Regolament "Erasmus għal Kulħadd," sabiex titmexxa 'l quddiem id-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni oġhla, ammont indikattiv **ta' EUR 1 812 100 000 mill-istrumenti esterni differenti** (Strument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp), ikun allokat għal azzjonijiet ta' mobbiltà tat-tagħlim lejn jew mill-pajjiżi tal-UE u għad-djalogu ta' kooperazzjoni u linja politika mal-awtoritajiet/istituzzjonijiet/organizzazzjonijiet minn dawk il-pajjiżi. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament "Erasmus għal Kulħadd" se japplikaw għall-użu ta' dawn il-fondi.

***Il-finanzjament ser isir disponibbli permezz ta' żewġ allokazjonijiet multiannwali li jkopru biss l-ewwel erba' snin u t-tliet snin li jifdal rispettivament. Dan il-finanzjament se jkun rifless fl-ipprogrammar indikattiv pluriennali ta' dawn l-istrumenti, f'konformità mal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet identifikati tal-pajjiżi kkonċernati. L-allokazjonijiet jistgħu jiġu riveduti fil-każ ta' ċirkostanzi kbar mhux previsti jew tibdil politiku importanti skont il-prijoritajiet esterni tal-UE.***

#### *Emenda*

2. Kif imsemmi fl-Artikolu 13, paragrafu 2 tar-Regolament "Erasmus għal Kulħadd," sabiex titmexxa 'l quddiem id-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni oġhla, ammont indikattiv **korrispondenti għal 2 % tal-allokazjonijiet finanzjarji disponibbli għall-istrumenti parteċipanti** (Strument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp), ikun allokat għal azzjonijiet ta' mobbiltà tat-tagħlim lejn jew mill-pajjiżi tal-UE u għad-djalogu ta' kooperazzjoni u linja politika mal-awtoritajiet/istituzzjonijiet/organizzazzjonijiet **tas-soċjetà ċivili u laboratorji ta' ideat** minn dawk il-pajjiżi. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament "Erasmus għal Kulħadd" se japplikaw għall-użu ta' dawn il-fondi.



## Emenda 42

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. Il-finanzjamenti jiġu allokat fuq il-bażi ta' ammont perċentwali fiss relatat mal-ammont totali disponibbli skont kull strument u ma jaqbżux, għall-Istrument ta' Sħubija, total ta' 1.5 % tal-ammont allokat lil tali strument.**

**Il-finanzjament isir disponibbli permezz ta' żewġ allokazżjonijiet multiannwali li jkopru biss l-ewwel erba' snin u t-tliet snin li jifdal rispettivament. Dak il-finanzjament huwa rifless fil-programmazzjoni indikattiva multiannwali ta' dawk l-istrumenti, f'konformità mal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet identifikati tal-pajjiżi kkonċernati. L-allokazżjonijiet jistgħu jiġu riveduti fil-każ ta' ċirkostanzi maġġuri mhux previsti jew bidliet politiċi importanti f'konformità mal-prijoritajiet esterni tal-Unjoni.**

## Emenda 43

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2b. Fl-ambitu tal-Istrument ta' Sħubija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, il-programmi għall-mobbiltà tat-tagħlim, il-kooperazzjoni u d-djalogu politiku mal-awtoritajiet/istituzzjonijiet/organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u laboratorji ta' ideat għandhom ikunu disponibbli biss meta tali programmi, kooperazzjoni u djalogu jirrigwardaw il-pajjiżi li għandhom mhumiex koperti minn strument ta' azzjoni esterna jkun liema jkun u, kulmeta possibbli, meta jissupplementaw jew isaħħu l-inizjattivi eżistenti fl-ambitu**

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 8a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Artikolu 8a**

**Sospensjoni tal-programmi ta'  
kooperazzjoni tal-Unjoni**

*Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet dwar is-sospensjoni tal-għajnuna fi ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni mal-pajjiżi u r-regġuni msieħba, meta pajjiż benefiċjarju jonqos milli jirrispetta l-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, inkluż ir-rispett ta' standards internazzjonali dwar il-protezzjoni tal-investimenti barranin, id-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tal-minoranzi u l-libertajiet fundamentali, inklużi l-libertà ta' reliġjon jew twemmin u l-libertà ta' espressjoni, jew l-impenji li jinsabu fil-ftehimiet rilevanti konklużi mal-Unjoni, l-Unjoni tistieden lill-pajjiż benefiċjarju jagħmel konsultazzjonijiet bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, ħlief f'każijiet ta' urġenza speċjali. Meta l-konsultazzjonijiet mal-pajjiż benefiċjarju ma jwasslux għal soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, jew jekk il-konsultazzjonijiet jiġu rifjutati jew f'każijiet ta' urġenza speċjali, il-Kunsill jista' jieħu miżuri xierqa skont l-Artikolu 215(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jistgħu jinkludu s-sospensjoni sħiħa jew parzjali tal-programmi tal-Unjoni ta' sħubija u ta' kooperazzjoni. Il-Parlament Ewropew jinżamm kompletament u immedjatament infurmat bi kwalunkwe deċiżjoni u miżura meħuda f'dan ir-rigward. Kull reviżjoni konsegwenti tad-dokumenti ta' programmazzjoni strateġiċi rilevanti ssir skont il-proċedura ta'*

## **Emenda 45**

### **Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Huwa jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

#### *Emenda*

1. Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Huwa jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2014 **sal-31 ta' Diċembru 2020**.

## **Emenda 46**

### **Proposta għal regolament Anness – punt -a (ġdid)**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**(-a) appoġġ għal kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-oqsma tal-governanza globali u l-implimentazzjoni tad-dimensjoni esterna tal-aġenda Ewropa 2020 billi jiġu organizzati konferenzi u seminars u skambji ta' uffiċjali;**

## **Emenda 47**

### **Proposta għal regolament Anness – punt a**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

(a) appoġġ għal inizjattivi speċifiċi, **inkluż** xogħol ta' riċerka, **studji**, skemi pilota jew proġetti konġunti maħsuba biex jirrispondu b'mod effettiv u flessibbli għall-għanijiet

(a) appoġġ għal inizjattivi speċifiċi, **li jkunu rilevanti għall-oġettivi li għandhom jiġu ffinanzjati fl-ambitu tal-Istrument tas-Sħubija, inklużi,**

ta' kooperazzjoni li jirriżultaw mir-relazzjonijiet tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi kkonċernati;

***primarjament, djalogu u kooperazzjoni fost l-atturi politiċi, ekonomiċi u tas-soċjetà ċivili rilevanti***, xogħol ta' riċerka, skemi pilota jew proġetti konġunti ***u studji*** maħsuba biex jirrispondu b'mod effettiv u flessibbli għall-għanijiet ta' kooperazzjoni li jirriżultaw mir-relazzjonijiet tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi kkonċernati ***u l-awtoritajiet reġjonali u s-soċjetà ċivili tagħhom***;

## **Emenda 48**

### **Proposta għal regolament Anness – punt aa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(aa) il-promozzjoni ta' djalogu strateġiku ma' pajjiżi li qed isiru dejjem iktar rilevanti bħala atturi f'termini ta' politika barranija u f'termini ekonomiċi bl-għan li jkunu identifikati oqsma għall-azzjoni konġunta jew kooperazzjoni msaħħa***;

## **Emenda 49**

### **Proposta għal regolament Anness – punt ab (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ab) il-faċilitazzjoni tal-proċess ta' bini ta' kunsens qabel is-samits tal-G7, tal-G8 u tal-G20 permezz tal-organizzazzjoni ta' laqgħat bilaterali jew multilaterali fil-livell politiku jew tekniku biex jippromwovu fehim komuni u konverġenza ta' pożizzjonijiet politiċi***;

## **Emenda 50**

### **Proposta għal regolament Anness – punt ac (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ac) appoġġ għall-konklużjonijiet milħuqa fis-samits tal-G7, tal-G8 u tal-G20 permezz ta' laqgħat ta' segwitu bilaterali jew multilaterali fil-livell politiku jew tekniku u permezz ta' strateġiji ta' implimentazzjoni;***

## **Emenda 51**

### **Proposta għal regolament Anness – punt ad (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ad) appoġġ għad-dimensjoni parlamentari tal-G20 u l-promozzjoni tal-konsolidazzjoni u l-involviment ulterjuri fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-G20 bl-għan li jiżgura djalogu demokratiku u skrutinju msaħħin;***

## **Emenda 52**

### **Proposta għal regolament Anness – punt ae (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ae) appoġġ għall-ħolqien ta' forum konsultattiv parallel għal G20 li jgħaqqad organizzazzjonijiet mhux governattivi u rappreżentanti ewlenin tas-soċjetà ċivili u tan-negozju mill-Istati tal-G20;***

## **Emenda 53**

### **Proposta għal regolament Anness – punt af (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(af) appoġġ għal politiki u programmi speċifiċi ta' organizzazzjonijiet reġjonali, li għandhom il-kapaċità jippromwovu integrazzjoni politika u ekonomika reġjonali, inkluż appoġġ għall-proċessi ta' bini tal-istituzzjonijiet u bini tal-kapaċitajiet, u li jistgħu jiżguraw li jkun hemm preżenza diplomatika ta' livell għoli fil-laqgħat ta' tali organizzazzjonijiet;*

## **Emenda 54**

### **Proposta għal regolament Anness – punt ag (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ag) appoġġ għall-ħolqien ta' korpi ad hoc għal konsultazzjoni sistematika ta' livell għoli u koordinazzjoni fuq kwistjonijiet globali ma' pajjiżi terzi ewlenin fuq livell bilaterali u multilaterali; appoġġ għad-djalogu interparlamentari ma' tali pajjiżi terzi fundamentali, inkluż permezz ta' programmi għall-iskambju ta' uffiċjali parlamentari;*

## **Emenda 55**

### **Proposta għal regolament Anness – punt ah (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ah) il-promozzjoni ta' djalogu mal-pajjiżi rilevanti dwar kunċett inklużiv ta' governanza dinjija u l-proċess ta' riforma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u istituzzjonijiet dinjin;*

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament  
Anness – punt ai (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ai) tisħiħ tal-profil, ir-rwol u l-impatt tal-Unjoni fl-organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari n-Nazzjonijiet Uniti;*

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament  
Anness – punt aj (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(aj) jippromwovi djalogu u kooperazzjoni fost l-atturi politiċi u ekonomiċi rilevanti fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku;*

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament  
Anness – punt ak (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ak) it-tisħiħ tal-Kunsill Ekonomiku Transatlantiku mal-Istati Uniti tal-Amerika u t-tisħiħ Djalogu tal-Leġiżlaturi Transatlantiċi bħala l-pjattaforma regolatorju primarja komuni bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti tal-Amerika;*

## **Emenda 59**

### **Proposta għal regolament Anness – punt al (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(al) it-tisħiħ tar-rwol tad-Djalogu tal-  
Leġislaturi Transatlantiċi permezz ta'  
programmi għall-iskambju ta' uffiċjali u  
l-organizzazzjoni ta' konferenzi ta' livell  
għoli fuq kwistjonijiet regolatorji  
magħżula;***

## **Emenda 60**

### **Proposta għal regolament Anness – punt am (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(am) appoġġ għad-Djalogu Ekonomiku  
ta' Livell Għoli maċ-Ċina;***

## **Emenda 61**

### **Proposta għal regolament Anness – punt an (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(an) l-approfondiment tad-djalogu  
politiku, ekonomiku u regolatorju mar-  
Russja u l-promozzjoni tad-djalogu  
interparlamentari bejn l-Unjoni u l-  
Federazzjoni Russa;***

## **Emenda 62**

### **Proposta għal regolament Anness – punt ao (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ao) il-promozzjoni tad-djalogu bejn is-***



*soċjetà ċivili fl-Unjoni u s-soċjetà ċivili  
fil-Federazzjoni Russa;*

### **Emenda 63**

**Proposta għal regolament  
Anness – punt ap (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ap) l-approfondiment tad-djalogu  
politiku, ekonomiku u regolatorju mal-  
Ġappun u l-promozzjoni tad-djalogu  
interparlamentari bejn l-Unjoni u l-  
Ġappun;*

### **Emenda 64**

**Proposta għal regolament  
Anness – punt aq (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(aq) il-promozzjoni ta' kooperazzjoni  
trijangulari għas-sigurtà u l-istabbiltà  
politika tal-Atlantiku tan-Nofsinhar;*

### **Emenda 65**

**Proposta għal regolament  
Anness – punt ar (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ar) il-promozzjoni tad-djalogu u l-  
kooperazzjoni ma' pajjiżi tal-Amerika  
Ċentrali u tan-Nofsinhar, is-soċjetà ċivili  
tagħhom u l-laboratorji ta' ideat  
tagħhom;*

## **Emenda 66**

### **Proposta għal regolament Anness – punt as (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(as) il-promozzjoni ta' kooperazzjoni  
trijangulari mmirata lejn l-integrazzjoni  
politika u ekonomika tal-Afrika tal-  
Punent u tal-Lvant;*

## **Emenda 67**

### **Proposta għal regolament Anness – punt at (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(at) appoġġ għall-proċessi ta' bini tal-  
istituzzjonijiet u bini tal-kapaċitajiet tal-  
Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp  
(IGAD);*

## **Emenda 68**

### **Proposta għal regolament Anness – punt au (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(au) l-organizzazzjoni ta' konferenzi ta'  
donaturi u investituri privati fil-livell tal-  
Unjoni sabiex jippromwovu finanzjamenti  
għal proġetti ambjentali u infrastrutturali  
f'pajjiżi terzi li jista' jkollhom impatt  
pożittiv fuq l-istabbiltà ta' reġjuni jew żoni  
vulnerabbli, filwaqt li jinżamm ir-rispett  
sħiħ tal-istandards ambjentali u tax-  
xogħol tal-Unjoni;*

## **Emenda 69**

### **Proposta għal regolament Anness – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) **il-promozzjoni ta'** kooperazzjoni, sħubiji u *intrapriżi* konġunti bejn atturi ekonomiċi, soċjali, kulturali, governattivi u xjentifiċi fl-Unjoni u pajjiżi terzi;

*Emenda*

(b) *Ma taffettwax il-verżjoni Maltija;*

## **Emenda 70**

### **Proposta għal regolament Anness – punt ba (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*(ba) appoġġ għall-proċessi ta' bini tal-istituzzjonijiet u bini tal-kapaċitajiet f'pajjiżi terzi, inkluż permezz ta' missjonijiet ta' esperti u l-promozzjoni tal-aħjar prattiki u standards tal-Unjoni;*

*Emenda*

## **Emenda 71**

### **Proposta għal regolament Anness – punt ca (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*(ca) il-promozzjoni tal-istandards regolatorji tal-Unjoni u l-konverġenza regolatorja mal-Unjoni;*

*Emenda*

## **Emenda 72**

### **Proposta għal regolament Anness – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) il-promozzjoni ta' djalogi politiċi u settorjali li jinvolvu atturi politiċi,

*Emenda*

(d) *Ma taffettwax il-verżjoni Maltija;*

ekonomiċi, regolatorji, ambjentali, soċjali, ta' riċerka u kulturali u organizzazzjonijiet mhux governattivi tal-Unjoni u mhux tal-Unjoni;

### Emenda 73

#### Proposta għal regolament Anness – punt e

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni, skambji intellettuali u t-tishiġ ta' djalogi interkulturali;

*Emenda*

(e) *Ma taffettwax il-verżjoni Maltija;*

### Emenda 74

#### Proposta għal regolament Anness – punt ea (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*(ea) il-promozzjoni tal-mobilità professjonali msaħħa mmirata sabiex tinkoraġġixxi t-twaqqif ta' kategoriji professjonali u akkademiċi strateġiċi fl-Unjoni fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija, bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kapaċità ta' innovazzjoni tal-ekonomija tal-Unjoni;*

*Emenda*

### Emenda 75

#### Proposta għal regolament Anness – punt f

*Test propost mill-Kummissjoni*

(f) il-promozzjoni ta' inizjattivi u azzjonijiet ta' interess **tal-Unjoni** jew interess reċiproku f'oqsma bħat-tibdil fil-klima, kwistjonijiet ambjentali inklużi l-bijodiversità, l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, il-materji primi, **l-enerġija**, it-trasport, ix-

*Emenda*

(f) il-promozzjoni ta' inizjattivi u azzjonijiet ta' interess **għall-Unjoni** jew interess reċiproku f'oqsma bħat-tibdil fil-klima, **skemi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet CO<sub>2</sub> u ċertifikati ta' negozjar ta' emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub>**, kwistjonijiet

xjenza, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-politika tax-xogħhol u soċjali, l-iżvilupp sostenibbli, inkluża l-promozzjoni ta' xogħol deċenti, u r-responsabbiltà korporattiva soċjali, il-kummerċ u l-kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar, l-edukazzjoni, il-kultura, it-turiżmu, it-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, is-saħħa, il-ġustizzja, id-dwana, it-tassazzjoni, il-finanzi, *l-statistika* u kwalunkwe suġġett ieħor marbut mal-interessi speċifiċi tal-Unjoni jew ta' interess reċiproku bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi;

ambjentali inklużi l-bijodiversità, l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, il-materji primi, ***id-diversifikazzjoni tal-enerġija, enerġiji rinnovabbli u sigurtà enerġetika***, it-trasport, ix-xjenza, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-politika tax-xogħhol u soċjali, l-iżvilupp sostenibbli, inkluża l-promozzjoni ta' xogħol deċenti, u r-responsabbiltà korporattiva soċjali, il-kummerċ u l-kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar, l-edukazzjoni, il-kultura, it-turiżmu, it-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, is-saħħa, il-ġustizzja, id-dwana, it-tassazzjoni, il-finanzi, *l-istatistika* u kwalunkwe suġġett ieħor marbut mal-interessi speċifiċi tal-Unjoni jew ta' interess reċiproku bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi;

## **Emenda 76**

### **Proposta għal regolament Anness – punt fa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(fa) appoġġ għall-iżvilupp ta' aġenda strateġika ffukata fuq is-sigurtà enerġetika u l-effiċjenza tar-riżorsi;***

## **Emenda 77**

### **Proposta għal regolament Anness – punt fb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(fb) promozzjoni ta' livell għoli ta' djalogu politiku ma' pajjiżi terzi ewlenin dwar is-sigurtà enerġetika;***

## **Emenda 78**

### **Proposta għal regolament Anness – punt fc (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(fc) il-promozzjoni ta' livell għoli ta' djalogu politiku ma' pajjiżi terzi ewlenin dwar l-aċċess għar-riżorsi, il-materja prima u elementi rari tal-art f'pajjiżi terzi, bil-ħsieb li jtejbu l-potenzjal teknoloġiku tal-Unjoni;*

## **Emenda 79**

### **Proposta għal regolament Anness – punt fd (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(fd) appoġġ għall-kooperazzjoni bilaterali dwar l-istandards minimi tal-industrija tal-minjieri u prattiki tal-industrija tal-minjieri sostenibbli, inkluż permezz tal-iskambju tal-aħjar prattiki dwar governanza tajba, aktar effiċjenza tar-riżorsi, użu mill-ġdid u riċiklaġġ, ġestjoni tar-residwi u tal-iskart tal-ġebel, riabilitazzjoni tas-siti tal-minjieri, saħħa u sikurezza, protezzjoni tal-ħaddiema u abolizzjoni tat-tħaddim tat-tfal;*

## **Emenda 80**

### **Proposta għal regolament Anness – punt fe (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(fe) il-promozzjoni ta' livell għoli ta' djalogu politiku u ta' konverġenza regolatorja ma' pajjiżi terzi ewlenin dwar it-tibdil fil-klima, b'mod partikolari bil-promozzjoni tal-ekwivalenza, ir-rikonoxximent reċiproku u l-konverġenza*

*dwar kwistjonijiet regolatorji ewlenin u  
dwar l-adozzjoni ta' regoli u standards  
stabbiliti tal-Unjoni;*

### **Emenda 81**

**Proposta għal regolament  
Anness – punt ff (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ff) il-promozzjoni ta' djalogu politiku u  
tekniku ma' pajjiżi terzi ewlenin dwar  
proġetti ta' infrastruttura u  
interkonnessjoni ta' proġetti ta'  
importanza strateġika kbira għall-Unjoni;*

### **Emenda 82**

**Proposta għal regolament  
Anness – punt fg (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(fg) il-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn  
il-laboratorji ta' ideat fl-Unjoni u f'pajjiżi  
terzi f'oqsma rilevanti għall-governanza  
globali, ir-riforma ta' organizzazzjonijiet  
internazzjonali u l-aġenda Ewropa 2020;*

### **Emenda 83**

**Proposta għal regolament  
Anness – punt fh (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(fh) il-promozzjoni tad-djalogu bejn l-  
organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-  
Unjoni u fil-pajjiżi terzi;*

## **Emenda 84**

### **Proposta għal regolament Anness – punt fi (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(fi) l-għoti ta' garanziji għas-self estern mogħti mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) fil-qasam tat-titjib tat-teknoloġija b'emissjoni baxxa ta' karbonju u ta' skemi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub>;*

## **Emenda 85**

### **Proposta għal regolament Anness – punt fj (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(fj) il-promozzjoni tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-bijodiversità;*

## **Emenda 86**

### **Proposta għal regolament Anness – punt fk (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(fk) l-appoġġ tad-dimensjoni esterna tas-suq diġitali uniku, b'mod partikolari permezz tal-promozzjoni tal-interoperabilità u l-istandards rikonoxxuti fid-dinja kollha;*

## **Emenda 87**

### **Proposta għal regolament Anness – punt fl (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(fl) il-promozzjoni tal-kunċett ta'*



*governanza tal-Internet ibbażata fuq id-drittijiet tal-bniedem bil-ħsieb tal-promozzjoni tal-libertà tal-kelma u l-libertà tal-espressjoni fuq l-Internet;*

## **Emenda 88**

### **Proposta għal regolament Anness – punt g**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(g) it-tishiĥ ta' kuxjenza dwar u l-għarfien tal-Unjoni u tal-viżibbiltà tagħha f'pajjiżi terzi.

*Emenda*

(g) *Ma taffettwax il-verżjoni Maltija*

## **Emenda 89**

### **Proposta għal regolament Anness – punt g a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

## **Emenda 90**

### **Proposta għal regolament Anness – punt gb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ga) il-promozzjoni, f'kollaborazzjoni mas-soċjetà ċivili f'pajjiżi terzi, ta' fehim tal-objettivi, politiki u strutturi fil-qalba tal-azzjoni esterna tal-Unjoni;*

*Emenda*

*(gb) il-promozzjoni tal-iskambji tal-esperti u tal-aħjar prattiki bil-ħsieb ta' appoġġ għal kapaċità tal-Unjoni li tmexxi fl-oqsma tal-innovazzjoni u t-teknoloġija.*

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-Parlament Ewropew, bħala proponent qawwi ta' politika barranija tal-Unjoni ambizzjuża, komprensiva u konsistenti, qed jitlob sett ta' strumenti ta' finanzjament koerenti għall-azzjoni esterna tal-UE. Dan għandu jiżgura l-promozzjoni tal-għanijiet u l-valuri tal-Unjoni fid-dinja, fuq il-bażi tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, sabiex iġibu paċi, sigurtà, stabbiltà u prosperità ekonomika. L-istrumenti ta' finanzjament ġeografiċi u tematiċi proposti mill-Kummissjoni għall-perjodu 2014-2020 huma għodod essenzjali sabiex jiġi implimentat dan l-approċċ.

Il-Parlament Ewropew qed jaġixxi fl-ispirtu ta' responsabbiltà bbażat fuq il-prinċipju fundamentali tar-responsabbiltà tal-Unjoni lejn iċ-ċittadini tagħha rigward l-allokazzjoni tar-riżorsi u l-għażla ta' objettivi u strateġiji. Il-qafas ġdid għall-azzjoni esterna għandu jkun mhux biss effiċjenti f'termini ta' riżorsi u effettiv, iżda demokratikament leġittimu. Għalhekk huwa kruċjali li l-ġenerazzjoni futura ta' strumenti ta' finanzjament tkun kemm iffinanzjata sew taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali kif ukoll imfassla biex tirrifletti u tappoġġa l-ambizzjonijiet u l-prijoritajiet politiċi fir-rigward tal-ispeċifità ta' kull wieħed mill-istrumenti u l-politiki relatati.

Bl-użu tal-prerogattivi tiegħu u s-setgħat li nġhatawlu skont it-Trattat ta' Lisbona, bħala koleġiżlatur għal dawn l-istrumenti u bħala awtorità baġitarja, il-Parlament Ewropew jixtieq li dawn l-istrumenti:

- jagħmlu impatt ċar u jħallu riżultati fir-realtà, sabiex jilhqqu objettivi ċari miftiehma fil-livell politiku;
- ikunu ppreparati, implimentati, immonitorjati u valutati b'mod trasparenti u inklużiv, li jinvolvi kemm jista' jkun, fejn ikun applikabbli u xieraq, pajjiżi sieħba fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, kif ukoll lis-soċjetà ċivili;
- ikunu interpretati b'loġika ta' koordinament u sinerġiji bejniethom u ma' linji oħra tal-politika tal-UE għall-azzjoni esterna tagħha, iżda wkoll ma' programmi tal-Istati Membri tal-UE u ta' donaturi internazzjonali li jindirizzaw l-istess oqsma tematiċi u ġeografiċi fil-bażi ta' objettivi ta' politika komuni, u b'hekk tkun evitata d-duplikazzjoni u wkoll il-ħela ta' riżorsi u sforzi, u, għall-kuntrarju, iżidu l-impatt pożittiv tal-programmi tal-Unjoni;
- jipprovdu mekkaniżmi li jippermettu reazzjoni rapida għal żviluppi mhux previsti bħal tranżizzjonijiet politiċi f'pajjiżi terzi jew l-emerġenza ta' sfidi globali ġodda li jeħtieġu tweġibiet adegwati u f'waqthom mill-UE, filwaqt li jiżguraw grad xieraq ta' prevedibbiltà għall-benefiċċju tal-pajjiżi sieħba.

Dan l-approċċ ġenerali huwa rifless fl-emendi proposti fl-abbozzi ta' rapporti. B'mod partikolari, ir-rapporti jipproponu li ż-żewġ koleġiżlaturi, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, jiddelegaw is-setgħat tagħhom lill-Kummissjoni għall-preparazzjoni tad-dokumenti kollha ta' programmazzjoni strateġika li jiddefinixxu l-għanijiet, il-prijoritajiet, ir-riżultati mistennija u l-allokazzjonijiet finanzjarji f'termini wiesgħa, u li jadottaw dawn id-dokumenti bħala atti delegati, sabiex ikun hemm lok għall-flessibbiltà filwaqt li tiġi żgurata leġittimità demokratika u t-trasparenza permezz tal-involvement indaqs taż-żewġ koleġiżlaturi f'dan il-livell strateġiku.

Dawn l-Istrumenti għandhom jibqgħu fis-seħħ għal seba' snin, u minħabba f'hekk il-kontroll demokratiku fuq l-implimentazzjoni tagħhom huwa saħansitra aktar importanti. Bħala koleġiżlatur, il-Parlament Ewropew għandu d-dmir li jiżgura li dawn l-istrumenti jiġu implimentati f'konformità mal-ispirtu tal-att bażiku. Dan ma jfissirx involviment fil-mikroġestjoni, ladarba l-Parlament jafda li l-professjonalità u l-kompetenza tal-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna. Madankollu, sabiex jintlaħaq wieħed mill-għanijiet prinċipali tat-Trattat ta' Lisbona, li hu li jingħeleb id-defiċit demokratiku tal-UE, l-atti delegati jikkostitwixxu neċessità assoluta.

## PROCĊEDURA

<b>Titolu</b>	L-istabbiliment ta' Strument ta' Sħubija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi			
<b>Referenzi</b>	COM(2011)0843 – C7-0495/2011 – 2011/0411(COD)			
<b>Data meta ġiet ippreżentata lill-PE</b>	7.12.2011			
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET			
<b>Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 17.1.2012	INTA	BUDG 17.1.2012	ITRE 17.1.2012
<b>Kumitat(i) assoċjat(i)</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 24.5.2012			
<b>Rapporteur(s)</b> Data tal-ħatra	Antonio López-Istúriz White 14.12.2011			
<b>Rapporteur(s) preċedenti</b>	Mario Mauro			
<b>Eżami fil-kumitat</b>	9.7.2012			
<b>Data tal-adozzjoni</b>	5.12.2013			
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+ : 47 - : 0 0 : 2			
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Elmar Brok, Jerzy Buzek, Mark Demesmaeker, Michael Gahler, Marietta Giannakou, Ana Gomes, Andrzej Grzyb, Anna Ibrisagic, Anneli Jäätteenmäki, Jelko Kacin, Tunne Kelam, Nicole Kiil-Nielsen, Andrey Kovatchev, Eduard Kukan, Alexander Graf Lambsdorff, Vytautas Landsbergis, Ulrike Lunacek, Marusya Lyubcheva, Willy Meyer, María Muñiz De Urquiza, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Norica Nicolai, Raimon Obiols, Kristiina Ojuland, Ria Oomen-Ruijten, Ioan Mircea Paşcu, Alojz Peterle, Bernd Posselt, Hans-Gert Pöttering, Cristian Dan Preda, Libor Rouček, Tokia Saïfi, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, György Schöpflin, Werner Schulz, Marek Siwiec, Charles Tannock, Inese Vaidere, Geoffrey Van Orden, Nikola Vuljanić, Sir Graham Watson, Boris Zala			
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marije Cornelissen, Kinga Gál, Barbara Lochbihler, Antonio López-Istúriz White, Doris Pack, Ivo Vajgl, Paweł Zalewski			
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Hiltrud Breyer			
<b>Data tat-tressiq</b>	6.12.2013			